# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 135/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**Vs**

**Leandro Mansueto**
**(K.I. 23999M)**

**Illum, 12 ta' Lulju, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra Leandro Mansueto, iben Mark u Isabelle Cassar, resident ġewwa Block B, Fl 5, Triq l-Argotti, Floriana, imwieled il-Pietàv nhar it-8 ta' Jannar 1999 u detentur tal-karta tal-identità numru 23999M u akkużat talli nhar it-22 ta' Marzu 2020, għall-ħabta ta' bejn nofsinhar u s-siegħa ta' wara nofsinhar (12:00hrs – 13:00hrs) fil-Belt Valletta u/jew f'inħawi oħra ta' dawn il-gżejjer:

1. Talli permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Glenn Cassar hekk kif iċċertifikat minn Dr. Simon Micallef M.D (Med Reg: 4050) mill-Isptar Mater Dei;

2. Kif ukoll talli filwaqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra l-persuna ta' Glenn Cassar kellu fil-pussess tiegħu arma regolari;

3. U aktar talli ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-buon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. U aktar talli irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' l-imsemmi Glenn Cassar u tapplika l-provediment tal-Artikolu 383 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi nhar id-29 ta' Lulju 2022, l-Avukat Ġenerali bgħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex Leandro Mansueto jiġi ġġudikat minnha u li fid-29 ta' Lulju 2020, l-istess Leandro Mansueto ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati d-29 ta' Lulju 2022[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

a. fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 217, 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 214, 215, 217 u 221(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 6, 51(7)(9), 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta
d. fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. fl-artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

liema Artikoli nqraw fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2022 fejn l-akkużat iddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġudikat minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat

Illi jirriżulta li dakinhar tal-inċident l-akkużat kien qed isuq il-vettura tiegħu fi Triq il-Mediterran, Valletta u waqaf madwar pied 'l barra minn *Stop Sign* li kien hemm fil-kantuniera ma' Triq San Duminku, il-Belt Valletta. Il-*parte ċivile* Glenn Cassar kien qed isuq il-vettura tiegħu u x'ħin ra l-akkużat

[1] A fol. 268 tal-atti proċesswali.

inħasad u baqa' dieħel f'vetturi oħra li kienu pparkjati fil-ġenb tat-triq. Il-*parte ċivile* u passiġġier ieħor ħarġu mill-vettura u qabdu jgħajjtu mal-akkużat li dak il-ħin saq lejn id-dar tiegħu għax kellu t-tfal miegħu fil-vettura. Wara li wasal id-dar, l-akkużat qal lil ħuħ Mikhail Mansueto u lil ħabib tiegħu, ċerta Joseph, biex imorru miegħu u jirranġaw l-affarijiet. Filfatt huma reġgħu marru fil-lok fejn seħħ l-inċident u hemmhekk reġgħu ltaqgħu mal-*parte ċivile* u nqala' argument. L-argument saħan sew u l-akkużat ħareġ mus biex ibeżża' lill-*parte ċivile* b'riżultat li l-*parte ċivile* Glenn Cassar sofra ġrieħi f'kuxxtejħ u kellu jittieħed fil-polikinika tal-Floriana għal trattament mediku. Sussegwentement ittieħed ukoll l-isptar Mater Dei.

Il-pulizija rċevew rapport fuq l-inċident stradali u ieħor rigward ġlieda fejn kien hemm arma involuta.[2] Fuq il-post marru WPC 250 Amanda Parascandalo Bunce,[3] PC1247 Ayrton Bianco[4] u PC 281 Damian McKay[5] li raw vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MAV-002 maħbuta f'vetturi oħra pparkjati. Irriżulta li din il-vettura kienet tappartjeni lil Jason Cassar iżda li kienet qed tinstaq minn Glenn Cassar. Sussegwentement, l-uffiċjali tal-pulizija marru l-poliklinika tal-Floriana fejn hemmhekk tkellmu ma' ħu l-*parte ċivile*, ċerta Maverick Cassar, li qalilhom li fl-argument kienu nvoluti hu, ħuħ Glenn Cassar, l-akkużat u ħuħ.

Il-pulizija bdiet tfittxija għal Leandro Mansueto u għall-ħabta tas-sagħtejn nieqes għoxrin ta' wara nofsinhar, PC2 Glen Ellul[6] u PC 636 Brandon Lee Pulliċino[7] mill-RIU raw il-vettura tiegħu ipparkjata quddiem ir-residenza tiegħu. Huma arrestaw lil Leandro Mansueto mir-residenza tiegħu u

[2] Ara x-xhieda ta' PC1395 Warwick Chris Muscat, mogħtija fil-5 ta' Marzu 2021, a fol. 129 tal-atti proċesswali u ta' PC1092 Jose Mullan, mogħtija fl-istess seduta, a fol. 130 tal-atti proċesswali.
[3] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fis-17 ta' Lulju 2020, a fol. 71 tal-atti proċesswali kif ukoll ir-rapport minnha ppreżentat a fol 74 tal-atti proċesswali.
[4] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-17 ta' Lulju 2020, a fol. 79 tal-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-9 ta' Ġunju 2020, a fol. 53 tal-atti proċesswali.
[6] Ara x-xhieda ta' PC2 Glen Ellul, mogħtija fil-5 ta' Marzu 2021, a fol. 132 tal-atti proċesswali.
[7] Ara x-xhieda ta' PC636 Brandon Lee Pullicino, mogħtija fil-5 ta' Marzu 2021, a fol. 135 tal-atti proċesswali.

sussegwentement ittieħed il-poliklinika tal-Floriana b'uġieħ f'idu fejn ġie ċertifikat li qed isoffri minn ġrieħi ħfief.

Aktar tard, ħu l-akkużat Brandon Mansueto rrapporta mal-pulizija li kien irċieva telefonata mingħand Glenn Cassar fejn għamel ħafna theddid fil-konfront tiegħu, fosthom li se jweġġalu l-familja bħala tpattija għal dak li kien seħħ fl-argument. Il-pulizija sussegwentement arrestat ukoll lil Glenn Cassar b'rabta ma dan ir-rapport.

Fiż-żmien tal-inċident, il-Pulizija kellmet kemm lil Leandro Mansueto kif ukoll lil Glenn Cassar u l-verżjonijiet tagħhom ta' kif seħħet il-ferita huma konfliġġenti. Glenn Cassar qal li l-akkużat tbaxxa u taħ daqqa ta' sikkina filwaqt li l-akkużat qal li ħareġ is-sikkina biex ibeżża' lill-*parte ċivile* u waqt li kienu qed jargumentaw, aktarx laqtu bis-sikkina iżda ma jafx kif. L-akkużat qal li s-sikkina kien remieha l-baħar viċin il-lukanda Exelsior, il-Floriana. Hu qal li s-sikkina kellha xafra ta' madwar 6 cm.

Fl-istqarrija tiegħu,[8] l-akkużat jgħid li eżatt wara l-impatt, sid il-vettura l-oħra u persuna oħra ħarġu mill-karozza u bdew jgħidulu li jrid jixtrilhom karozza ġdida oħra. L-akkużat kellu t-tfal miegħu u peress li bdew jibżgħu mill-għajjat, iddeċieda li jsuq lejn id-dar. Hu, flimkien ma ħuħ u persuna oħra, reġgħu marru fuq il-post tal-inċident biex jirranġaw l-affarijiet iżda hemmhekk il-parte ċivile u ħuħ reġgħu bdew jgħajjtu u anke fajjru daqqa ta' ponn lil ħu l-akkużat u lill-akkużat stess. Wieħed minnhom qabad nofs bumper u ta daqqa biħ f'ras l-akkużat. Komplew jagħtu u l-akkużat beża' u biex jiddefendi ruħu qabad mus u ħarġu biex ibeżżagħhom biħ. Daqqiet ta' mus ma tax però peress li kienu geġwiġija jista' jkun li laqtu. Qal li hu beża' ħafna u sussegwentement telaq lejn id-dar.

Ikkonsidrat;

[8] Ara Dok LM3, a fol. 9 tal-atti proċesswali.

Illi WPS 217 Alison Formosa kkonfermat illi l-akkużat mhuwiex reġistrat fis-sistema tal-liċenzji tal-armi.[9]

Il-*parte ċivile* Glenn Cassar xehed f'dawn il-proċeduri[10] fejn qal illi hu kien tielgħa bil-karozza tiegħu t-telgħa ta' fejn hemm Triq il-Mediterran, fejn il-Barrakka t'isfel, u ħarġet vettura u baqgħet dieħla ġo fiħ u ħarġu jilletikaw. Miegħu fil-karozza qal li kien hemm ħuħ, Maverick Cassar. Qal li l-inċident seħħ għaliex l-akkużat ħareġ u hu baqa' dieħel fi tlett vetturi oħra biex jevitaħ. Qal li wara l-ħabta ħarġu jilletikaw u kelma ġġib il-oħra. L-akkużat qallu li se jmur jieħu t-tifla d-dar u wara reġa' ġie. Qal li l-akkużat taħ daqqa ta' sikkina però ma jafx kif seħħet din id-daqqa ta' sikkina. Qal li hu kien maħruq minn wara l-ħabta. Qal li ma jiftakarx meta seħħ eżattament l-inċident f'Marzu u li ma jiftakarx jekk kienx hemm persuni oħra mal-akkużat meta reġa' mar fuq il-post it-tieni darba. Ma jiftakarx lanqas x'kienet l-għamla tal-vettura tal-akkużat involuta fl-inċident. Qal li wara li qala' d-daqqa, ħuħ ħadu l-poliklinika. Qal ukoll li jixtieq jaħfer lill-akkużat u jinsa' dan l-inċident.

Illi ċ-ċertifikat mediku rigward il-ġrieħi li sofra l-parte ċivile baqa' ma ġiex ippreżentat u fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2021, l-uffiċjal prosekutur iddikjara illi wara kuntatt li għamel mal-*parte ċivile* huwa ġie nformat illi ċ-ċertifikat mediku *de quo* ma jistax jinstab u b'hekk ma jistax jittella' t-tabib sabiex jikkonferma bil-ġurament in-natura tal-ġrieħi.

Il-Qorti ħatret ukoll espert mediku, senjatament Dr. Mario Scerri sabiex jeżamina lill-akkużat, lil ħuħ Mikhail Mansueto u lill-vittma Glenn Cassar.[11] Dr Scerri xehed[12] li l-ferita ma jidhirx li kienet *stab wound* għar-raġuni li kienet itwal milli kienet fonda. Ħsara interna m'għamlitx. Fir-rapport tiegħu,[13] hu kkonkluda li l-istrument ma ppenetrax *blood vessels* u lanqas

[9] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-13 ta' Novembru 2020, a fol. 102 tal-atti proċesswali.
[10] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-13 ta' Novembru 2020 a fol. 105 tal-atti proċesswali.
[11] Ara l-Verbal tal-24 ta' Marzu 2020.
[12] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-06 ta' April 2022, a fol. 217 tal-atti proċesswali.
[13] Ara Dok "MS1" a fol. 219 tal-atti proċesswali.

nervituri. Din iċ-ċikatriċi tinsab fuq ir-riġel, ma tidhirx u għalhekk klassifikata bħala ta' natura ħafifa.

Illi l-akkużat talab li jsir *Social Enquiry Report* fil-konfront tiegħu, liema rapport ġie ppreżentat fid-9 ta' Jannar 2023.[14]

Illi xehed ukoll Brandon Mansueto[15] fejn qal li dakinhar tal-inċident, irċieva telefonata għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija mingħand Glenn Cassar fejn qallu li għalkemm ma kellux x'jaqsam ma l-inċident, kien se jaqla' daqs l-akkużat għax jiġi minnu. Qal li saqsieħ fejn kien biex jiġi għaliħ u li anke talbu n-numru tal-akkużat. Qal li ma taħ l-ebda informazzjoni biex ma jkabbarx l-affarijiet. Qal li ma jagħmel rapport mal-pulizija dwar dan l-inċident.

Ikkonsidrat;

Illi fit-trattazzjoni tagħha id-difiża qajmet diversi punti li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Fl-ewwel lok, hija tqajjem il-punt illi fl-istqarrija tiegħu,[16] fir-rapport tal-pulizija[17] u fix-xhieda ta' PC281 Damian McKay[18] u ta' PC 1247 Ayrton Bianco[19] id-data tal-inċident hija indikata bħala t-23 ta' Marzu 2020 u mhux it-22 ta' Marzu 2020 u għalhekk dawn il-provi għandhom jiġu skartati.

Id-difiża tagħmel referenza wkoll għax-xhieda ta' WPS 250 Amanda Parascandalo Bunce[20] iżda minn qari tad-deposizzjoni tagħha jirriżulta illi hija kienet qed tixhed għall-inċident li seħħ fit-22 ta' Marzu 2020. Fir-rigward tal-provi l-oħra indikati, il-Qorti fliethom bir-reqqa u jirriżulta li

---

[14] Ara x-xhieda tal-probation officer Anabelle Bugeja mogħtija fid-9 ta' Jannar 2023, a fol. 321 tal-atti proċesswali kif ukoll ir-rapport tagħha ppreżentat bħala dok "AB" a fol. 325 tal-atti proċesswali.
[15] Ara x-xhieda mogħtija fid-9 ta' Jannar 2023, a fol. 325 tal-atti proċesswali.
[16] Ara Dok CM3 a fol. 9 tal-atti proċesswali.
[17] Ara NPS 1/A/968/2020 mmarkat bħala "Dok CM6", a fol. 13 tal-atti proċesswali.
[18] Ara x-xhieda mogħtija fid-9 ta' Ġunju 2020, a fol. 53 tal-atti proċesswali.
[19] Ara x-xhieda mogħtija fil-17 ta' Lulju 2020, a fol. 79 tal-atti proċesswali.
[20] Ara x-xhieda mogħtija fil-17 ta' Lulju 2020, a fol. 71 tal-atti proċesswali.

għalkemm l-istqarrija hija ddatata t-23 ta' Marzu 2020 f'12:09hrs, l-akkużat qed jirrakkonta dak li ġara "ilbieraħ", ċioè dak li seħħ fit-22 ta' Marzu 2020. Dwar ir-rapport tal-pulizija, il-"Incident date" hija mmarkata kjarament bħala "22/03/2020" filwaqt li PC 1247 Ayrton Bianco kien reġa xehed[21] u kkoreġa x-xhieda tiegħu għad-data tat-22 ta' Marzu 2020. Illi b'hekk, hija biss ix-xhieda ta' PC281 Damian McKay li tirreferi għat-23 ta' Marzu 2020 u għalhekk id-deposizzjoni tiegħu ser tiġi skartata.

Illi l-akkużat qajjem ukoll id-difiża tal-*legittima difesa* abbażi tal-fatt illi huwa safa' inġustament aggredit meta essenzjalment ma għamel xejn ħażin. Jgħid li l-parte ċivile kien aggressiv ħafna tant li saħansitra ċempel wara l-akkadut biex jhedded lill-familja tal-akkużat.

Illi dwar l-elementi ta' din id-difiża, il-Qrati tagħna kellhom diversi opportunitajiet sabiex jistabbilixxu l-ingredjenti meħtieġa għas-suċċess tagħha. F'dan is-sens, il-Qorti qed tagħmel tagħha l-insenjament mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila**[22] fejn intqal illi:

> "*Fil-leġittima difiża trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja ta' l-istess, bl-aġir ta' l-agressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta din it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu immininenti...*
>
> *...Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difiża jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex dina l-eċċezzjoni tiġi milqugħa. Ċjoé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret*

[21] Ara x-xhieda mogħtija fit-23 at' Settembru 2021, a fol. 154 tal-atti proċesswali.
[22] **Il-Pulizija vs Joseph Psaila**, 20 ta' Jannar 1995, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri).

*biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li għamel, għamlu stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Jiġifieri il-periklu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dina tista' tagħti lok biss għal provokazzjoni u mhux difiża leġittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, ċioé li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test soġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem speċifikaw u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta għamel jew xi jmissu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difiża bl-użu tal-forza."*

Illi b'żieda ma dan, fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**[23] il-Qorti rriteniet illi:-

"*46. Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat dina l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata*

*... omissis...*

*50. Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-<u>mument tal-agressjoni</u> u cioe' jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli*

[23] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**, 3 ta' Ottubru 2018, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), para. 46.

*jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.*

*... omissis...*

*52. Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu."*

Illi b'hekk, jirriżulta dottrinalment li l-elementi meħtieġa li jkunu sodisfatti għas-suċċess ta' din id-difiża huma li l-attakk irid ikun wieħed (i) inġust, (ii) gravi u (iii) inevitabbli. Di più, t-theddida li biha qed jiġi affrontat l-aggredit trid tkun waħda attwali u eżaminata mill-*punto di vista* tal-aggredit filwaqt li r-reazzjoni tiegħu għall-perkilu trid tkun waħda proporzjonata għall-minaċċja affrontata.

Illi mix-xhieda prodotta jirriżulta illi fil-mument tal-aggressjoni, l-akkużat kien diġa' mar id-dar biex iwassal lill-minuri u minn hemm iddeċieda li jerġa' jirritorna lura fuq is-sit ta' fejn seħħ l-inċident sabiex "jirranġa". Din id-deċiżjoni da parti tal-akkużat ittieħdet fl-isfond li ftit wara l-inċident, il-parte ċivile u ħuħ kienu diġa' ħarġu mill-vettura tagħhom u kienu qed ikunu aggressivi lejn l-akkużat – tant li telaq id-dar biex iwassal lill-minuri għax kienu qed jibżgħu.

Illi din id-deċiżjoni meħuda mill-akkużat trid tiġi eżaminata fil-kuntest li hu <u>ma kellu ebda responsabilità</u> għall-inċident awtomobilistiku u fil-verità ma kellu xejn x'jirranġa mal-*parte ċivile* u lanqas kellu għalfejn jerġa' jirritorna

lura fuq is-sit tal-inċident. Il-fatt li l-akkużat ħa d-deċiżjoni li jirritorna, fl-isfond tal-fatt li l-*parte ċivile* u ħuħ kienu diġa wrew id-disposizzjoni aggressiva tagħhom fil-mumenti ta' wara l-inċident, jindika lill-Qorti li l-akkużat kien jaf x'kien se jaffaċċja la jmur lura fuq is-sit tal-inċident u xorta għażel li jmur. Fil-fehma tal-Qorti ma jistax jingħad li l-aggressjoni kienet waħda li inġustament seħħet fuq l-akkużat għaliex huwa kien konsapevoli ta' dak li aktarx kien ser jiżviluppa mar-ritorn tiegħu fuq is-sit *de quo*.

Illi di più, ma tressqet ebda prova quddiem din il-Qorti illi l-agressjoni kienet waħda gravi tant l-użu tal-mus kien sar neċessarju sabiex l-akkużat jissalvagwardja s-saħħa tiegħu jew ta' ħuħ. L-akkużat jgħid, fl-istqarrija tiegħu, illi beża' ħafna mill-aggressjoni u li saħansitra qala' daqqa ta' nofs bumper f'rasu. Illi din l-asserzjoni, madanakollu, ma tirriżulta minn imkien ieħor mill-provi. Illi b'hekk, abbażi tal-fatt illi la l-element tal-attakk "inġust" u lanqas l-element tal-"gravità" tal-attakk ma ġew ipprovati sal-grad tal-probabbli, il-Qorti ser tieqaf hawn fl-eżami tal-elementi tagħha u l-eċċezzjoni ta' *leġittima difesa* imqajjma mill-akkużat u

Ikkonsidrat;

Illi għalkemm mill-provi prodotti jirriżulta li l-akkużat għamel użu minn mus ta' daqs ta' madwar 6cm waqt din l-alterkazzjoni u li għal xi raġuni il-*parte ċivile* spiċċa ntlaqat b'din is-sikkina, id-dinamika ta' kif intlaqat il-*parte ċivile*, madanakollu, m'hijiex ċara. Il-*parte ċivile* jgħid li l-akkużat niżel taħtu u taħ daqqa bih filwaqt li l-akkużat, waqt l-interrogazzjoni qal li ħarġu biex ibeżża' lill-*parte ċivile* u lil ħuħ u jista' jkun li laqtu waqt l-argument.

Illi fid-dawl ta' din id-diverġenza fil-verżjonijiet il-Qorti se tagħmel referenza għall-konklużjonijiet raġġunti mit-tabib Dr. Mario Scerri li jindikaw illi d-daqqa hija aktar kompatibbli ma *slash wound* milli ta' *stab wound*. Illi fil-fehma tal-Qorti, din il-konklużjoni tiffavorixxi aktar il-verżjoni tal-akkużat ċioè li laqtu biha waqt l-argument, mill-verżjoni tal-*parte ċivile* ċioe' li niżel taħtu u taħ daqqa biha.

Illi fl-ewwel akkuża kif indikata fl-Artikoli tiegħu, l-Avukat Ġenerali jakkuża lill-akkużat bir-reat ta' tentattiv ta' offiża gravi fuq il-persuna (bl-indikazzjoni tal-Artikoli 41(1)(a); 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 217, 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta). Illi dwar din l-akkuża l-Qorti tagħmel referenza għall-insejmanent tal-mibki professur Mamo fejn jgħid[24]:

> *Upon an analysis of this definition, it will appear that that three elements are essential to constitute a criminal attempt, that is to say*
>
> 1. *an overt act manifesting the intent to commit a crime*
> 2. *a commencement of the execution of the crime, and*
> 3. *The non-completion of the crime by reason of accidental circumstances independent of the will of the offender*

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti ma tarax li dan l-ingredjenti ġew suffiċjentement ipprovati mill-prosekuzzjoni u b'hekk il-Qorti ma tarax li din il-varjanza tal-akkuża tista' tissussisti.

Illi fit-tieni akkuża indikata fl-Artikoli tiegħu, l-Avukat Ġenerali jakkuża lill-akkużat li wettaq ir-reat ta' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna (bl-indikazzjoni tal-Artikoli 214, 215, 217 u 221(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi fil-fehma tal-Qorti, ġie suffiċjentement ipprovat illi l-akkużat tassew wettaq ferita fuq il-persuna tal-*parte ċivile*. Mir-rapport mediku, madanakollu, jirriżulta illi l-ferita kkaġunata hija waħda ta' natura ħafifa u mhux ta' natura gravi. Illi di più, il-prosekuzzjoni ma pproduċietx ċertifikat mediku in sostenn tal-offiżi gravi minnha reklamati. Illi għaldaqstant, il-Qorti issib illi l-akkużat wettaq offiża ta' natura ħafifa fuq il-*parte ċivile* ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[24] Prof. A.J. Mamo, Lectures in Criminal Law, Laws I year, pġ. 108.

Illi stabbilit dan, fix-xhieda tiegħu l-*parte ċivile* iddikjara li jrid jaħfer kollox. Illi l-Artikolu 221(4) tal-Kap. 9 jistipola li il-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3) tiegħu, ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, minnbarra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b). Illi l-*parte ċivile* ma jaqax taħt il-kategorija ta' persuni msemmija fl-Artikolu 222(1)(a) u (b) u għaldaqstant dan l-ingredjent ma jissussistix. Inoltre, l-Artikolu 221(4) japplika fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikoli (1) u (3) tiegħu. Fil-każ *de quo*, ġie stabbilit li l-ferita ħafifa ġiet ikkaġunata mill-akkużat bl-użu ta' mus, liema oġġett jammonta għal arma regulari ai termini tal-Artikolu 64(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, stante li l-ferita ġiet ikkaġunata bl-użu ta' arma regulari ai termini tal-Artikolu 217, huwa l-Artikolu 221(2) li huwa applikabbli u dan ad esklużjoni tal-Artikolu 221(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, fid-dawl ta' dan, minkejja l-maħfra da parti tal-parte ċivile, il-proċeduri fir-rigward ta' din l-akkuża għandhom jibqgħu għaddejjin.

Ikkonsidrat;

Illi ġie stabbilit ukoll sal-grad rikjest mil-liġi illi fil-ħin tal-inċident, l-akkużat kellu fil-pussess tiegħu sikkina, ossija mus, mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissajru tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk il-Qorti ssib li din it-tielet akkuża mogħtija mill-Avukat Ġenerali fl-Artikolu tiegħu ġiet suffiċjentement ipprovata.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tar-raba' akkuża mogħtija fl-Artikoli tiegħu, l-Avukat Ġenerali jakkuża lill-akkużat bir-reat ta' ksur volontarju tal-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti, għalkemm jirriżulta li kien hemm alterkazzjoni fil-ħin tal-inċident, ma ġiex suffiċjentement ipprovat li din ikkawżat ksur tal-bon ordni jew tal-paċi pubblika. B'hekk il-Qorti mhux qed issib ħtija f'din ir-raba' akkużat.

Ikkonsidrat;

Illi fil-ħames akkuża tiegħu, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-akkużat bir-reċidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-prosekuzzjoni ppreżentat in atti sentenza erogata minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, nhar is-6 ta' Novembru 2018[25] u mill-konnotati tagħha il-Qorti m'għandhiex dubju li l-identità tal-ħati f'dik is-sentenza hija l-istess bħal ta' l-akkużat fil-proċeduri odjerni.

B'hekk il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-addebitu tar-reċidiva fir-rigward tal-akkużat odjern.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tagħmel referenza għal "Social Inquiry Report" imħejji mill-uffiċjali tal-Probation Anabel Bugeja[26] fejn jingħad illi l-akkużat, minkejja li fil-passat tiegħu kellu ċerta problemi, llum-il ġurnata huwa stabbli fil-ħajja tiegħu. Għandu impjieg fiss u għandu tarbija minn omm u fil-mori kellu tarbija oħra minn persuna oħra li jinsab f'relazzjoni stabbli magħha. Għadu jbati mill-abbuż sporadiku minn sustanzi tad-droga iżda jidher ċar li d-diffikultajiet li kellu fil-passat ġew illum sorvolati.

Illi fid-dawl ta' dan ir-rapport kif ukoll tal-fatt li l-inċident *de quo* seħħ f'perjodu fejn l-akkużat kien għaddej minn żmien ħażin stante s-

[25] Ara dok "MGC" a fol. 189 tal-atti proċesswali.
[26] Ara dok "AB" a fol. 325 tal-atti proċesswali.

separazzjoni għall-għarrieda tal-ġenituri tiegħu, il-Qorti jidrilha illi sentenza karċerarja effettiva m'hijiex ideonea għaċ-ċirkostanzi odjerni, aktar u aktar meta l-istess parte ċivile wera biċ-ċar li m'għandux interess f'li din il-kawża titkompla.

Illi l-uffiċjal tal-probation, fil-konklużjoni tagħha, tirrakkomanda illi l-akkużat għandu jingħata l-għajnuna professjonali meħtieġa sabiex jindirizza l-abbuż tad-droga u dan sabiex ikun jista' jkompli jadotta stil ta' ħajja aktar stabbli.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu u wara li semgħet ix-xhieda u rat il-provi kollha, qed issib lil **Leandro Mansueto**:

1. **<u>Ħati</u>** tar-reati kkontemplati fl-Artikoli 49, 50, 214, 215, 217 u 221(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tordna illi Leandro Mansueto jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation għall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum;

2. **<u>Ħati</u>** tar-reati kkontemplati fl-Artikoli 49, 50, tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikoli 6, 51(7)(9), 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u qed timponi fuq Leandro Mansueto multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għal ksur ta' dawn l-artikoli;

3. **<u>Mhux ħati</u>** tal-akkużi rimanenti miġjuba kontra tiegħu;

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Glenn Cassar u Maverick Cassar għall-perjodu ta' sena (1) li għandu jibda

jiddekorri mid-data tal-lum u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

In oltre, in vista tar-rakkomandazzjonijiet magħmulha mill-uffiċjal tal-Probation u wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda wkoll tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-akkużat ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tmintax-il (18) xahar dekorribbli mil-lum, u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza;

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar li jinftiehem x'inhuma l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tad-Digriet mogħti kontestwalment u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom tkun instab ħati.

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil Leandro Mansueto jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali s-somma komplessiva ta' mitejn u tmienja u tmenin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€288.43) rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tad-Digrieti mogħtija kontestwalment lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tal-Probation and Parole.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
Deputat Reġistratur